# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016**

**Avviż Numru: 23/2005**

**Maltacom plc u b'digriet tal-5 ta' Diċembru 2007,**
**il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem GO plc minn Maltacom plc**

**vs**

**Theresa armla ta' Jack Bugeja;**
**Josef u Antonio aħwa Bugeja, bħala eredi ta' Jack Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu ikkundannati jħallsu s-somma ta' erbat' elef mitejn u disgħa u għoxrin lira Maltin u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm4229.31ċ) dovuti lilha in linea ta' danni ai termini tal-kuntratt datat tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u wieħed (2001) (Dok A), liema kuntratt ikopri danni li ġew ikkaġunati fi proprjeta' tas-soċjeta attrici waqt xogħolijiet li kienu qed isiru minn Jack Bugeja fi Pjazza l-Assunta, Żebbuġ, Għawdex.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjai mibgħuta lill-konvenuti fi Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), ta' l-ittra uffiċċjali li qd tintbagħat kontestwalment ma dan l-avviż lis-soċjeta' assigurattiva ta' Jack Bugeja u bl-imgħaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament.

Intom konvenuti mħarka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed tiġi nġunti.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi l-eredi ta' Jack Bugeja m'humiex responsabbli għad-danni kaġunati lill-attriċi u dan għaliex fl-ewwel lok l-inċident li bih saret il-ħsara in kwistjoni ma seħħx tort u ħtija ta' l-imsemmi Jack Bugeja.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-Nota tas-soċjeta' attriċi tal-4 ta' Novembru 2015 fejn din irrimettiet ruħha għall-provi prodotti.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-konvenuti.

Rat il-verbal tagħha tad-9 ta' Diċembru 2015 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed tfittex lill-eredi tal-mejjet Jack Bugeja għad-danni allegatament ikkawżati minnu, konsistenti fi ħsara fil-*cables* tat-telephone proprjeta' tagħha nstallati taħt it-triq, u dan waqt xogħol ta' skavazzjoni fil-pjazza taż-Żebbuġ, Għawdex. It-talba tagħha s-soċjeta' attriċi qed tibbażaha fuq skrittura li permezz tagħha Jack Bugeja obbliga ruħu li josserva ċerti kondizzjonijiet fl-esekuzzjoni tax-xogħolijiet tiegħu. Il-konvenuti jiċħdu r-responsabilita' ta' Jack Bugeja għal dawn id-danni.

Mill-provi prodotti jirriżulta li ċertu Anthony Vella kien ingħata kuntratt ta' applat mill-kunsill lokali taż-Żebbuġ biex jibni latrina pubblika taħt il-livell tat-triq fil-pjazza tar-raħal taż-Żebbuġ.[1] Parti mix-xogħol involut kien jirrikjedi l-iskavar tal-ispazju fejn kienet ser tinbena din il-latrina. Għal dan ix-xogħol Vella qabbad lill-imsemmi Jack Bugeja bħala sub-appaltatur tiegħu sabiex jagħmel it-tqattieh u skavar meħtieġ. Parti minn dan l-iskavar kien ser isir fl-inħawi fejn is-soċjeta' attriċi kellha l-*cables* tas-servizzi tagħha għaddejjin taħt it-triq. Għalhekk qabel ma jibda x-xogħol kien jeħtieġ li jiġu akkwistati l-permessi relattivi mingħandha. Madankollu għal dawn il-permessi kien Bugeja stess li applika u mhux il-kuntrattur ewlieni.[2] Mal-ħruġ ta' dan il-permess Bugeja kellu jintrabat ukoll li josserva ċerti kondizzjonijiet kif indikati lilu f'dokument intitolat "*Conditions for Granting of Excavation Permits to Contractors*".[3] Bugeja aċċetta dawn il-kondizzjonijiet kif turi l-firma tiegħu fuq fejn hemm indikat "*contractor's signature*" fl-aħħar

[1] Ara deposizzjoni ta' Diane Tagliaferro, segretarja tal-Kunsill taz-Zebbug, a fol.83 tal-process
[2] Ara kopja ta' din l-applikazzjoni esebita bhala Dok.CMC 1 a fol.18 tal-process
[3] Ara kopja esebita bhala Dok.A a fol. 2 – 3 tal-process

parti ta' dan id-dokument.[4] Il-polza tal-assikurazzjoni li kellha tkopri l-eventwali danni kkaġunati lill-proprjeta' tas-soċjeta' attriċi, inħarġet ukoll f'isem l-istess Jack Bugeja.[5] Huwa għalhekk evidenti biżżejjed li safejn kien jikkonċerna lis-soċjeta' attriċi, hija kienet taf biss lil Jack Bugeja bħala l-kuntrattur responsabbli mix-xogħolijiet ta' skavazzjoni li kellhom isiru fil-pjazza taż-Żebbuġ f'dawk il-ġranet tal-aħħar ta' Awwissu 2001, u x'relazzjoni dan seta' kellu ma' terzi, għaliha kienu *res inter alio acta*.

Wara li ġew akkwistati dawn il-permessi beda x-xogħol tal-iskavar li, għall-ewwel u sa ċertu livell 'l isfel mill-wiċċ tat-triq kien qed isir permezz ta' gaffa kbira mqiegħda fit-triq.[6] Waqt li kien qed isir dan l-iskavar inkixfu diversi servizzi, fosthom dawk tas-soċjeta' attriċi, konsistenti f'*cables* tat-telephone mgħoddija go pajpijiet tal-*plastic* imdawrin b'qoxra protettiva tal-*concrete*. Billi kien hemm bzonn li l-iskavazzjoni issir ukoll taħt dawn is-servizzi, uħud minnhom ġew mirfuda permezz ta' puntali. Il-konvenuti u x-xhieda minnhom prodotti jsostnu li dan l-irfid sar mill-kuntrattur Anthony Vella u mhux minn Bugeja, li ma kienx responsabbli għalih. Imma l-istess Anthony Vella baqa' qatt ma ġie prodott biex jagħti l-verżjoni tiegħu dwar l-akkadut.

Wara li l-ħofra meħtieġa ġiet skavata sa ċertu livell, kellha tintuża gaffa zgħira biex jitkompla x-xogħol.[7] Għalhekk Bugeja niżel fil-ħofra b'din il-gaffa u sfortunatament f'ħin minnhom ċeda għal fuqu l-qafas tal-*concete* li, kif ingħad, kien idawwar il-*cables* tas-soċjeta' attriċi, dan inqasam u tfarrak u nkixfu l-istess *cables,* b'tali mod li ddendlu u saritilhom ħsara kif jispjega Carmel Mizzi Cefai fid-deposizzjoni tiegħu,[8] u b'konsegwenzi fatali għal Jack Bugeja.

Billi l-iskavazzjoni kienet qed issir minn Bugeja, u għal kwalunkwe ħsara li setgħet ġiet ikkaġunata lis-soċjeta' attriċi b'riżultat tal-istess skavazzjonijiet, kellu jagħmel tajjeb il-kuntrattur li daħal responsabbli mal-istess soċjeta' attriċi, fil-każ tagħna Jack Bugeja,[9] huwa mmaterjali min attwalment rifed il-qafas tal-*concrete* tas-soċjeta' attriċi. Huwa evidenti li dan il-qafas ċeda bil-piż tiegħu meta sab il-vojt ikkawżat bl-iskavazzjoni li kienet qed issir minn Bugeja taħt l-istess qafas. Li kieku ma saritx l-iskavazzjoni bil-mod hawn deskritt, il-*cables* tas-soċjeta' attriċi ma kienux jispiċċaw jiddendlu kif fil-fatt ġara, u ġratilhom ħsara li, skont ix-xhud Carmel Mizzi Cefai kienet imbagħad teħtieġ li l-istess *cables* jiġu sostitwiti b'oħrajn ġodda. Fil-każ in eżami ġew għalhekk sodisfaċentement ipprovati l-kawża u effett meħtieġa fi kwalunkwe azzjoni għad-danni. Billi l-konvenuti qatt ma ċaħdu li huma l-eredi ta' Jack Bugeja, anzi proprju fit-tieni paragrafu tan-Nota tal-

[4] Ibid.
[5] Ara Dok.CMC 2 a fol. 23 - 27
[6] Ara JCB li tidher faccata tal-knisja fir-ritratt immarkat Dok.CMC 4 a fol.29
[7] Ara ritratt Dok.CMC 3 a fol.28
[8] A fol.13 – 17 tal-process
[9] Ara d-Dok.A anness mal-Avviz

Eċċezzjonijiet tagħhom jirreferu għalihom infushom bħala *"l-eredi ta' Jack Bugeja"*, [10] jiġi li huma responsabbli biex jagħmlu tajjeb għal dawn id-danni.

Permezz ta' dan l-Avviż, is-soċjeta' attriċi qed tirreklama s-somma ta' Lm4229.31ċ, ekvivalenti llum għal €9854. Għalkemm Carmel Mizzi Cefai, uffiċjal tekniku tas-soċjeta' attriċi, spjega kif in segwitu għal dan l-inċident kellhom jagħmlu ċerti riparazzonijiet fis-sistema ta' *cables* li kellhom għaddejjin minn taħt it-triq fil-pjazza taż-Żebbuġ, konsistenti fit-tqegħid ta' *pipes* ġodda miksija bil-*concrete*, jinqata' l-*cable* danneġġjat, u jiġi sostitwit b'ieħor ġdid li mbagħad jintrabat mal-bqija tas-sistema,[11] s-soċjeta' attriċi baqgħet qatt ma ppresentat ebda dokumentazzjoni dwar il-*workings* tax-xogħol u spejjeż ta' materjal involuti biex tissewwa din il-ħsara, u kif eżattament waslet għaċ-ċifra minnha mitluba f'dan l-Avviż. Lanqas biss ġie mqar ppresentat xi kont li seta' ntbagħat lill-konvenuti dwar dawn id-danni.

Kif tajjeb jirrilevaw il-konvenuti fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom, il-qrati tagħna, minkejja l-prova tal-ħtija, konsistentement irrikjedew ukoll il-prova tad-danni. Hekk per eżempju ġie maġistralment ribadit mill-Qorti tal-Appell illi:

*"....għandu jigi osservat illi skond ir-regola tradizzjonalment pacifika, kodifikata anke fost in-normi procedurali tagħna 'Fuq il-Provi' fit-Tieni Ktieb, Titolu 1, tal-Kap.12, '**l-obbligi tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah'** (Art.562). Din ir-regola tesprimi l-esigenza li tghabbi fuq il-parti li jallega fatt ghalih favorevoli d-dover li jaghti prova tal-ezistenza tal-istess fatt. Din hi esigenza bil-wisq logika li l-ebda pretendent ta' dritt ma jista' jissottragga ruhu għaliha fir-realta' processwali ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Huwa deducibbli minn dan illi biex isostni d-dritt tiegħu fil-gudizzju l-attur htieglu jipprova l-fatt li jikkostitwixxi l-fondament tieghu. Fit-termini tal-kaz partikolari konsistenti minn preteza ghar-rizarciment tad-danni...l-appellant kellu l-obbligu jiddemostra bi provi attendibbli l-fatti kostituttivi tal-azzjoni minnu proposta, jigifieri:*

1. *Il-prova tal-htija fil-konvenut ghall-akkadut;*

2. *Il-prova tad-danni.*

*Ragonevolment l-**actor incumbit probatio** tapplika fiz-zewg kazijiet u timponi b'oneru li l-attur jimpenja ruhu li jgib il-provi biex jissostanzja l-bazi tal-allegazzjonijiet u tat-talbiet tieghu u mhux jistenna li din issir b'inizzjattiva tal-gudikant. L-istess kwalifika tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' 'oneru' jaghti wiehed x'jifhem illi l-inadempiment tal-prova tittraduci ruhha fi zvantagg ghall-parti li fuqha din l-istess prova hi gravata. Ir-raguni ghal din is-sitwazzjoni hi r-rizultat tal-osservazzjoni ovvja li d-dizimpenn tal-piz tal-prova ihalli l-fatt allegat*

[10] Ara din in-Nota a fol.10
[11] Ara deposizzjoni tiegħu a fol.16

*fi stat ta' incertezza. Li jfisser allura, b'konsegwenza, illi l-gudizzju tal-Qorti ma jistax hlief jikkonsidra inezistenti l-fatt li baqa' incert in kwantu mhux provat.*

*Certament l-accertament tal-kolpa u ta' l-event dannuz ma jezonerax lill-attur appellant milli jgib provi sodisfacenti dwar il-konsistenza u l-kwantum tad-danni...il-gustifikazzjoni tat-talba mill-Qorti ma tistax issir billi l-Qorti tikkontenta ruhha mir-raguni ta' nuqqas ta' eccezzjoni ossija tal-kontestazzjoni tad-danni. Hi kellha tissodisfa ruhha biss bi prova certa. Prova li ma setghetx tigi aggunta la bl-inerzja u lanqas bl-inadempjenza, izda biss fil-konkret tal-istabilizzar tat-telf effettiv fl-ambitu tal-Artikolu 104 tal-Kodici Civili."* [12]

Dak li ntqal f'din is-sentenza, tista' tgħid, huwa applikabbli *in toto* għall-każ in eżami. Din il-Qorti ma tistax tistriħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni ta' impjegat tas-soċjeta' attriċi dwar l-ammont mitlub. Meta s-sur Mizzi Cefai spjega kif intgħelet iċ-ċifra mitluba, fl-aħħar parti tad-deposizzjoni tiegħu,[13] presumibilment kien qed jikkonsulta xi dokumentazzjoni ndikattiva tax-xogħol u spejjeż involuti, li pero' baqgħet qatt ma ġiet esebita fl-atti tal-kawża.

F'tali ċirkostanzi l-Qorti ma tistax tkun sodisfatta, fil-grad ta' prova meħtieġa, li tassew intefqu l-ispejjeż kollha indikati biex tissewwa l-ħsara kkaġunata, u għalhekk ma tistax tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur



[12] Avv. Louis Bianchi noe vs George Spiteri: 14.07.2004
[13] a fol. 17 tal-process